# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Illum, il-Gimgha 12 ta' Awwissu 2016**

**Numru**

**Rikors numru 283/16**

**Edward Cauchi u Mary mart l-istess Edward Cauchi**

**v.**

**S.O.C. & K. Co. Limited (C 8141)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-socjetà konvenuta prezentat fis-17 ta' Gunju 2016 li permezz tieghu hija talbet li l-ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija minn din l-istess Qorti fid-29 ta' April 2016 u li minnha saret talba ghal ritrattazjoni minnha stess – tigi sospiza sakemm tigi deciza t-talba taghha ghal smigh mill-gdid tal-istess kawza skont l-Artikolu *923* (sic! – riedet tghid 823) tal-Kap. 12.

Dan l-artikolu jghid illi;

> "**823.** (1) It-talba għar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata.
>
> "(2) B'dak kollu li hemm fid-disposizzjonijiet tas-subartikolu
>
> "(1), il-qorti li quddiemha tintalab ritrattazzjoni tista', ad istanza,b'rikors kemm quddiem il-Qorti tal-Appell kemm quddiem il-qorti tal-ewwel grad, tal-parti li tagħmel dik it-talba, tordna t-twaqqif ta'esekuzzjoni tas-sentenza jekk -
>
> "(*a*) flimkien mat-talba tagħha dik il-parti tagħti garanzija tajba għall-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tiġix imħassra, magħduda dik il-garanzija kif imsemmija flartikolu 266(10); u
>
> "(*b*) jiġi muri għas-sodisfazzjon tal-qorti illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif tal-esekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja".

L-attur qed jopponi ghal din it-talba. Bazikament l-argument tieghu huwa li aktar issir hsara lilu bid-dewmien tal-ezekuzzjoni milli bis-sospensjoni.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma dawn; l-atturi talbu fl-att promotur taghhom illi l-Qorti tiddikjara li s-socjetà konvenuta ma ghandhiex id-dritt ta' passagg li qed tghid li ghandha minn fuq il-propjeta tieghu; kemm l-ewwel Qorti u kemm il-Qorti tal-Appell tawhom ragun u allura gie stabbilit permezz ta' dawn is-sentenzi li s-socjetà konvenuta in effetti ma ghandiex dan id-dritt ta' passagg.

Dan huwa dak li gie deciz u allura bhala fatt ma hemm xejn x'jigi esegwit a bazi tas-sentenza li qed tigi attakkata bit-talba ghas-smigh

mill-gdid tal-kawza. X'aktarx li l-konvenuta qed titlob is-sospensjoni ghaliex mid-dokumenti esebiti jidher li l-attur Cauchi fi hsiebu jibni hajt divizorju bejn il-propjetajiet inkwistjoni. Dan pero` mhux b'effett tas-sentenza "ut sic" izda bis-sahha li taghti l-ligi lil kull propjetarju li jibni l-hajt divizorju biex jifred fizikament il-proprjetà tieghu minn dik tal-gar tieghu.

Ghalhekk mill-punto di vista purament legali ma hemm ebda att li jista' jigi sospiz b'effett dirett tas-sentenza ghalkemm huwa evidenti li kieku l-azzjoni tal-atturi ma rnexxietx ma kienx ikun jista' jtella' l-hajt divizorju ghaliex ma kienux ikunu qed jirrispettaw id-dritt ta' passagg li qed tinsisti fuqu s-socjetà konvenuta. Hu x'inhu pero` l-Qorti ma tarax li l-esekuzzjoni tas-sentenza sa tikkawza aktar pregudizzju lis-socjetà rikorrenti milli s-sospensjoni taghha lill-atturi. Anzi jekk eventwalment tigi milqugha it-talba ghal smigh mill-gdid u s-socjetà konvenuta tinghata ragun, il-pregudizzju jsofruh l-atturi ghaliex ikollhom jergghu jhottu l-hajt divizorju li fi hsiebhom itellghu. Inoltre, mis-sentenza in kwistjoni jirrizulta wkoll li r-rikorrenti ghandha passagg alternattiv ghal dak reklamat minnha.

Kif qalet il-Prim'Awla tal–Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Chapman v. MIzzi** (12 ta' Mejju 1950) irrikonoxxiet li f'kazi bhal dawn, il-legislatur ta' certa diskrezzjoni lill-Qorti biex tiddeciedi f'dawn it-tip ta'

talbiet u din il-Qorti jidrilha li fid-dawl ta' dak li ssemma aktar qabel, it-talba tas-socjetà konvenuta ma ghandhiex tintlaqa'.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mir-rikors billi tichad it-talba tas-socjetà rikorrenti ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza msemmija. L-ispejjez ta' din il-procedura a kariku tal-istess socjetà rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb